MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru 1438/2007

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
JUSTIN POLIDANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Justin Polidano ta' 22 sena, iben Joseph u Bendicta nee' Debono, imwieled fil-Pieta' fit-28 ta' Frar, 1985, residenti Blokk 4, Flat 3, Triq il-Fieres Kirkop u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 177285(M).

Illi huwa akkuzat talli b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe':

Talli fl-24 ta' Settembru 2006, ghall-habta tas-6:30 ta' filghodu mill-fond bin-numru 126 sitwat fi Triq San Bartolomew Zurrieq, ikkommetta serq ta' flus kontanti u

oggetti ohra ghad-dannu ta' Carmela Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Evangelista Cassar, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fid-19 ta' Novembru 2006 ghall-habta tas-1:30 ta' wara nofsinhar mill-fond bin-numru 164 sitwat fi Triq is-Sorijiet Tarxien, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Elizabeth Cauchi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Elizabeth Cauchi, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fis-6 ta' Lulju 2006 ghall-habta tas-6:00 ta' filghodu mill-fond bin-numru 26 sitwat fi Triq Santa Monika Paola, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' John Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess John Vella, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess dati, zminijiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, li gew imposti fuqu b'sentenza datata 5 ta' Gunju 2006 mghotija mill-Magistrat Dott.Anthony Vella LL.D.

Finalment talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-Verbal tas-27 ta' Ottubru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-imputat inghata zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni mmexxiha mill-Ispettur Magri, xhedet illi l-Pulizija kellha informazzjoni anonima illi l-imputat, Justin Polidano, kien responsabbli ghas-serq minn 26 St.Monica Street, Paola, minn 164 Triq is-Sorijiet Tarxien, u minn 164 Triq Bartolomeo, Zurrieq.

Illi ge elevati l-'fingerprints' mix-xena tad-delitt u dawn gew mqabbla ma dawk ta' l-imputat, Justin Polidano, u kien hemm 'matching fingerprints.' Illi Spettur Magri xhed illi huwa eskorta lill-imputat fil-fondi li sfaw mira tas-serq u li l-imputat cahad li qatt dahal f'dawn id-djar. L-imputat, fl-istqarrija Dok.CM (fol.15 et seq.) **ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domandi li sarulu.**

Gew ezebiti r-rapporti tas-serqiet meritu ta’ l-akkuza (Dok.CM1, Dok.CM2 u Dok.CM3, flimkien ma’ zewg sentenzi Dok.CM4 u Dok.CM5).

John Vella (a fol.28) ikkonferma s-serq mir-residenza tieghu, u li naqsulu erba’ mitt lira Lm400 waqt li kellu bejn Lm58 sa Lm60 fi hsarat fil-propjeta’ tieghu.

Carmen Camilleri (fol31 et seq) kkonfermat illi dar iz-zija taghha (Evangelista Cassar) kienet sfat misruqa, kkonfermat serq ta’ Lm1700 fi flus kontanti u labra tad-deheb zghira, u li kellha Lm70 fi hsarat fil-propjeta’.

Elizabeth Cauchi (fol.34 et seq.) kkonfermat li kienet ghamlet rapport lil Pulizija wara serq mid-dar taghha ta’ Lm2000 fi flus kontanti u Lm200 f’muniti. Il-hsarat fuq il-bibien bis-serraturi ammonta ghal Lm80

PS 198 Arthur Debattista ezebixxa Dok.AB1 sa Dok.AB23, sett ritratti rigward is-serq f’164, Triq is-Sorijiet, Zurrieq.

PS 404 (fol.49) Paul Camilleri ezebixxa l-impronti digitali elevati mill-fond hawn fuq indikat (Dok.PC1 sa Dok.PC4)

PC 1525, Patrick Farrugia ezebixxa l-impronti digitali li gew elevati nsegwitu tas-serqa 126 St. Bartolomeo Street Zurrieq, datata 24 ta’ Settembru 2006, liema firem u ritratti gew ezebiti Dok.PF1 sa Dok.PF8

PS 964 Robert Scicluna ezebixxa r-ritratti dwar is-serq minn fond 126, St. Bartolomeo Street, Zurrieq, liema ritratti huma ezebiti Dok.PS1 sa Dok.PS15

Rat ix-xhieda ta’ Evangelista Cassar (fol.79), immexxija mill-Magistrat Supplenti Dr. Veronica Aquilina li kkonfermat is-serqa mid-dar residenzjali taghha.

PS 1261 Charles Pace, ezebixxa ritratti Dok.CP1 sa Dok.CP5 in segwitu tas-serq minn 26 St. Monica Street, Paola.

PS 1448 Victor Buttigieg, ezebixxa Dok.PS, rapport ta' serqa minn 126 St. Bartolomeo, Zurrieq. Waqt li a fol.87, PS 285, Jeffrey Cutajar ikkonferma rapport Dok.PS1 ta' serq minn St. Monica Street, Paola.

PS 959 Austin Micallef xhed illi nghata struzzjonijiet mill-Ispettur Magri sabiex jiehu lill-imputat f'diversi postijiet, l-imsemmija Bartolomeo Street, Zurrieq, Tarxien St. Monica Street, Paola u Triq Carmena Micallef, Rabat u li l-imputat qallu li qatt ma dahal f'dawn il-postijiet PS 959, ikkonferma li l-imputat ghazel li ma jwegibx fl-istqarrija tieghu.

Spettur Joseph Mercieca, a fol.108, ezebixxa tliet (3) atti ta' twelid tal-vittmi f'dan il-kaz Dok.JMX1, Dok.JMX2 u Dok.JMX3.

PS 150 Terence Azzopardi xhed illi huw mar jinvestiga rapport ta' serqa fuq anzjana Elizabeth Cauchi ta' 164 Triq is-Sorijiet Hal Tarxien u kkonferma okkorrenza Dok.CM2

Spettur Carmelo Magri ezebixxa Dok.CMX1, Dok.CMX2, sentenzi mghoddija in gudikat kontra l-imputat.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Justin Polidano, hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza, mhux hati tas-seba' (7) akkuza (alternattiva), li minnha tilliberah, hati tat-tmienja (8) u wara li rat Artikoli 49, 50, 261, 263, 264, 267, 279, 280, 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre', il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------